MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 487/2012

Il-Pulizija
vs
**Iro Azzopardi**
iben Francis, imwieled Pieta', fit-30 ta' Marzu, 1976,
detentur tal-karta ta' l-identita' numru 197276(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-appellant Iro Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess dispozizzjoni tal- Ligiu li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghax- xhur ta' Marzu 2012 u April 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Doreen Azzopardi u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil- kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall- ulied fi zmien 15-il jum minn dak il-jum li fih skont dik 1-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Otturbu, 2012 fejn il-Qorti wara li rat
l-artikolu 338(z) u 18 tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta. Tordna hlas ta' hames mija w tnax il-ewro (€512) fi zmien tlett (3) xhur ai terminu tal-artikolu 24 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Iro Azzopardi tal-24 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi moghtija fis-17 ta' Ottubru 2012, mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, presejduta mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella u konsegwentement tillibera lill-esponent minn kull htija, alternattivament f'kaz ta' konferma ta' sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza fl-ismijiet premessi u dan billi, filwaqt li tikkonferma l-parti fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tvarja l-piena nflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar miti u gusta ghal dan il-kaz, u dan skont dawk il-provvidimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda apprezzament tal-fatti u dan kif jirrizultaw mix-xhieda prodotti quddiemha mill-partijiet. Bhala stat ta' fatt, l-imputat ghaddej min perjodu finanzjarju u ta' sahha difficli, wara incident li huwa sofra u li a kawza tieghu huwa baqa debiltat. Konsegwenza ta' dan l-incident u ta' tali debilta', ir-rikorrent m'ghandux possibiltajiet li jkollu dhul adegwat li jippermettilu jibqa' jhallas l-ammont ta' manteniment iffissat permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni.

Illi hemm kawza pendenti bejn il-partijiet fl-ismijiet Azzopardi Iro sive Spiridione vs Azzopardi Doreen fil-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bir-referenza Rikors 105/2012, fejn il-Qorti giet mitluba joghgobha:

Tiddikjara illi kien hemm bdil fil-qaghda finanzjarja tar-rikorrent attur li tippermetti varjazzjoni fil-hlas tal-manteniment lill-intimata a favur tal-minuri, u li dan il-bdil fil-qaghda finanzjarja kienet ikkawzata minn ragunijiet ghal kollox indipendenti mix-xewqat tar-rikorrent.
Tnaqqas ir-rata tal-manteniment li ghandu jkun pagabbli mir-rikorrent lill-intirnata bhala manteniment ghal uliedu minuri mir-rata mhallsa prezenternent, liema rata ghandha tkun ibbazat fuq id-dhul limitat tar-rikorrent.

Tordna lill-intimata li trodd lura lir-rikorrent dawk is-somom ta' flejjes lilha mhallsa mir-rikorrent in eccess mill-ammont iffissat bhala rata gdida ta' manteniment sa minn dak inhar li din l-Onorabbli Qorti tiddikara li l-intirnat kien afflit b'tali debilita’ li wasslet ghat-tnaqqis fid-dhul tieghu, jew mid-dik id-data li din il-Qorti jidhirlha xierqa.

Illi dawn il-proceduri ghandhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja u l-appellant ghadu qed jistenna l-ezitu tal-istess.

Illi huwa ha dan il-pass minnhabba s-sitwazzjoni gravi li sab ruhu fiha u biex jitlob lill-Qorti taghti kull provvidiment minhabba s-sitwazzjoni difficli li jinsab fiha.

Illi huwa ghandu hlas mizeru hafna ta' ftit euro kull jum mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u dan minhabba l-kondizzjoni medika li jinsab fiha wara li huwa kien wegga' serjament fuq ix- xoghol bil-konsegwenza li llum ma jistax jahdem a kawza tad-debilita' tieghu.

Illi fic-cirkostanzi partikolari li jinsab fihom l-esponent, huwa kien kostrett li ma jhallasx il-manteniment ghaliex effettivament ma ghandux minn fejn u intavola l-istanza opportuna li permezz taghha jitlob lill-Qorti biex fic-cirkostanzi tirregola l-obbligu tieghu.

Madanakollu, anke' fid-dawl tal-fatt li l-esponent talab anke lill-Qorti trodd lura dak li jirrizulta li kien hallas zejjed, il-Qorti ma setghetx tghaddi biex issib lill-esponent hati.

Illi it-tieni agravju jikkonsisti illi l-Qorti inferjuri naqset li taghmel referenza ghall-kuncett ta' *Nemo ad impossibilia tenetur* fejn wiehed ma jistax genwinament jistenna li persuna thallas, meta huwa mpossibbli li taghmel dan, specjalment minhabba ragunijiet ghal kollox indipendenti mix-xewqat tal-persuna koncernata, wara incident li huwa sofra u li a kawza tieghu huwa baqa’ debilitat, u konsegwenza ta' dan, id-dhul tieghu naqas drastikament. Illi r-rikorent anke pproceda quddiem il-Qorti kompetenti biex ivarja dan l-obbligu tieghu.

Fic-cirkostanzi, l-appellant ghamel dak kollu li huwa umanament possibbli sahansitra ghal zmien twil baqa' jissellef il-flus minghand familjari u ohrajn biex jibqa' jhallas il-manteniment izda issa li gie f’sitwazzjoni minn fejn ma ghandux biex ihallas zgur li wiehed ma jistax jesigi li jaghmel dak li huwa mpossibbli.

Illi fic-cirkostanzi, is-sejbien ta' htija f’dan il-kaz jekwivali li l-Qorti qed tesigi li l-appellant jaghmel dak li ma jistax u jaghti minn dak li ma ghandux.

Illi it-tielet aggravju, liema aggravju qed jitressaq minghajr pregudizzju ghall-aggravji gia mressqa, jikkonsisti filli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-piena hija wahda eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-udjenza tal-lum stess, 16 ta’ Dicembru, 2013, l-imputat appellant hallas seduta stante l-flus kollha dovuti lil martu Doreen Azzopardi.

Illi b'dan il-pagament l-ewwel zewg aggravji mressqa mill-imputat appellanti huma sorvolati u din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni taghhom.

Illi t-tielet aggravju ta' l-imputat appellant jirrigwarda ukoll li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz il-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva.

Illi meta wiehed ihares lejn il-fedina penali aggornata ta' l-imputat appellant jinduna li l-imputat appellant mhux l-ewwel darba li naqas li jhallas il-manteniment lil martu u uliedu.

Illi l-fatt li l-imputat appellant hallas dak kollu dovut lil martu u uliedu ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevokha u thassarha f'dik il-parti relativa ghal piena fejn l-appellant gie liberat a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur u tissostitwixxi tali terminu ta' tlett xhur bit-terminu ta' sena, liema perjodu ta' sena jibda jiddekorri mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------